

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Mejju 2007

dwar l-allokazzjoni lill-Belġju ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar fi ħdan iż-żoni IV, VIIa u VIII ta' l-ICES

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2072)

(It-testi bl-Olandiż u bil-Franċiż biss huma awtentiċi)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/342/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 10 ta' l-Anness IIA tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula mill-Belġju,

Billi:

(1) Il-Punt 8 ta' l-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 41/2007 jispeċifika n-numru massimu ta' jiem li matulhom il-bastimenti Komunitarji b'tul totali ta' 10 metri jew ikbar li jgħorru abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' daqs ta' 80 mm jew ikbar jistgħu jkunu preżenti fi Skagerrak, iż-żoni IV u VIII ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żona IIA ta' l-ICES, fi ħdan iż-żona VIIa ta' l-ICES u fi ħdan iż-żona VIa ta' l-ICES mill-1 ta' Frar 2007 sal-31 ta' Jannar 2008.

(2) Punt 10 ta' l-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 71/2007 jippermetti li l-Kummissjoni talloka, fuq bażi ta' talba magħmula mill-Istati Membri, numru addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar li matulhom bastiment jista' jkun preżenti fi ħdan iż-żona ġeografika meta qed iġorr abbord tali xbieki tat-tkarkir bit-travu, fuq bażi ta' waqfien permanenti ta' l-attivitajiet tas-sajd li ilhom iseħħu mill-1 ta' Jannar 2002.

(3) Fid-19 ta' Diċembru 2006 u fit-30 ta' Jannar 2007, il-Belġju ressaq dejta li turi li grupp ta' bastimenti, li waqqfu l-attivitajiet mill-1 ta' Jannar 2002, użaw 11.11 % ta' l-isforz tas-sajd użat fl-2001 mill-bastimenti Belġjani preżenti fi ħdan iż-żona ġeografika u li jgħorru abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' daqs ta' 80 mm jew ikbar. Peress li l-jiem mitluba ma jistgħux jiġu allokatu għal matul il-perjodu mitlub, il-jiem addizzjonali għandhom jiġu allokatu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Jannar 2008 fuq bażi tar-Regolament (KE) Nru 41/2007.

(4) Fid-dawl tad-dejta mressqa, 15-il jum addizzjonali fuq il-baħar għall-bastimenti li jgħorru abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu tal-kategorija ta' rkaptu tas-sajd 4.1.i u 16-il jum fuq il-baħar għall-bastimenti li jgħorru abbord xbieki tat-tkarkir bit-travu tal-kategoriji ta' rkaptu tas-sajd 4.1.b.ii, 4.1.b.iii u 4.1.b.iv għandhom jiġu allokatu lill-Belġju matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 41/2007, jiġifieri mill-1 ta' Frar 2007 sal-31 ta' Jannar 2008.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. In-numru massimu ta' jiem li bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera tal-Belġju u li jgħorr xbieki tat-tkarkir bit-travu elenkati fil-punt 4.1.b.i ta' l-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 41/2007, jista' jkun preżenti fiż-żoni IV, VIIa u VIII ta' l-ICES, kif stipulat fit-Tabella 1 ta' l-Anness, għandu jidded bi 15-il jum fuq il-baħar.

⁽¹⁾ ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2007 (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 22).

2. In-numru massimu ta' jiem li bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera tal-Belġju u li jġorr xbieki tat-tkarkir bit-travu elenkati fil-punt 4.1.b.ii, 4.1.b.iii u 4.1.b.iv ta' l-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru. 41/2007, jista' jkun preżenti fiż-żoni IV, VIIa u VIId ta' l-ICES, kif stipulat fit-Tabella 1 ta' l-Anness għal każijiet fejn l-ebda kondizzjoni speċjali elenkata fil-punt 8.1 ta' l-istess Anness ma tapplika, għandu jiżdied b'16-il jum fuq il-baħar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Mejju 2007

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membri tal-Kummissjoni
